# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 579/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Maria Grima**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Maria Grima, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Dicembru, 2016, permezz ta' liema interponiet appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Maria Grima u talbet lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha sabitha hatja u **trriformaha** kwantu l-piena imposta ta' sentejn prigunerija sospizi ghal-erba snin liema sentenza kienet reza effettiva permezz ta' digriet datat 24 ta' Novembru tas-sena 2016 u minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghal-fatti speci tal-kaz.

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanta, Maria Grima, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 384288M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn ix-xhur ta' Dicembru 2015 u Frar 2016, f'dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u maghmula b`rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu Darren Camilleri mill-Marsa;

2. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu Darren Camilleri mill-Marsa;

3. Approprjajt ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu Darren Camilleri mill-Marsa, u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

4. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu Elton Caruana mill-Hamrun;

5. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu Elton Caruana mill-Hamrun;

6. Approprjajt ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu Elton Caruana mill-Hamrun, u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

7. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu Keith Carabott mill-Gzira;

8. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu Keith Carabott mill-Gzira;

9. Approprjajt ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu Keith Carabott mill-Gzira, u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

10. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu Jurgen Ebejer mill-Hamrun ;

11. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu Jurgen Ebejer mill-Hamrun ;

12. Approprjajt ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu Jurgen Ebejer mill-Hamrun, u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

13. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi

wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu Adreana Camilleri mill-Pieta';

14. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu Adreana Camilleri mill-Pieta';

15. Approprjajt ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu Adreana Camilleri mill-Pieta', u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

16. U aktar talli fi Frar 2016, f'dawn il-Gzejjer, minkejja li ma kienetx komplici fir-reat imsemmi fl-sub artikolu 298C (1), indahlet biex tipprokura ghal persuna ohra ammont ta' flus billi gieghlet persuna twieghed li taghti lil ohrajn, minhabba fl-indhil taghha, kumpens sproporzjonat b'mod grossolan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Marzu, 2016 li biha, wara li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet, is-sitt, id-disgha, it-tnax u l-hmistax-il imputazzjoni, sabet lill-imputata hatja ta' l-

imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghha u ikkundannatha sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 kienu sospizi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin u ikkundannataha ukoll multa ta' sebgha mitt Euro (€700) u ammenda ta' hamsin Euro (€50) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28H ta' l-istess Kapitolu 9 ordnat lill-imputata biex fi zmien sitt xhur thallas lil Darren Camilleri s-somma ta' tmint telef, hames mija, hamsa u sebghin Euro (€8,575), lil Elton Caruana s-somma ta' elfejn u sebgha mitt Euro (€2,700), lil Keith Carabott is-somma ta' sebat elef Euro (€7,000), lil Jurgen Ebejer is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf u sebgha mitt Euro (€22,700) u lil Adreanna Camilleri ssomma ta' erbgha telef Euro (€4,000).

Rat ukoll id-decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Novembru, 2016 fl-atti tal-kumpilazzjoni 154/2016 li biha wara rikors ta' Darren Camilleri kkonkludiet li Maria Grima naqset milli toqghod ghall-ordni lilha moghti li thallas €8,575 lill-istess Darren Camilleri u konsegwentement dahlet fis-sehh is-sentenza taghha tad-19 ta' Marzu 2016 fil-konfront ta' Maria Grima fejn ikkundannatha *inter alia* ghal sentejn prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellanta,

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi brevement rakkontati l-fatti jemergi mill-atti processwali illi b'sentenza tad-19 ta' Marzu 2017, l-appellanta kienet kkundannata *inter alia* ghal-sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali bl-ordni li jsir hlas lill-parti offiza fi zmien sitt xhur skond l-artikolu 28H tal-istess Kodici. Gara, izda li l-parti offiza prezentat rikors quddiem l-ewwel Qorti li bih infurmat lil Qorti li l-imputata ma ottemperatx ruhha mal-ordni. Wara li l-Qorti semghet lill-partijiet, ddecidiet permezz ta' digriet datat 24 ta' Novembru 2016 li ddahhal fis-sehh s-sentenza ta' prigunerija ghall-sentejn;

2. Illi waqt is-smiegh tas-sottomissjonijiet orali, din il-Qorti osservat illi ghalkemm l-appell kien interpost fi zmien koncess mill-ligi mid-data tad-digriet tal-24 ta' Novembru, 2016, dan l-appell huwa dwar il-piena erogata bis-sentenza tad-19 ta' Marzu, 2016 liema sentenza ghaddiet in gudikat peress illi ma kien intavolat ebda appell in rigward. Il-Qorti ghalhekk stiednet lill-partijiet jghamlu sottomissjonijiet in rigward u halliet l-appell ghas-sentenza ghal-lum;

3. Illi permezz ta' nota tal-21 ta' Jannar 2019, l-appellanta ressqet l-argument illi ghalkemm l-appell taghha huwa dirett lejn ir-riforma tas-sentenza moghtija fid-19 ta' Marzu 2016 jidher car illi hi riedet tappella mid-digriet tal-24 ta' Novembru 2016 kif kellha kull dritt li taghmel. L-appellanta qed tistrieh fuq l-emendi introdotti fl-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali intizi biex tkun evitata n-nullita' tar-rikors tal-appell u iccita sentenzi in rigward;

4. Is-sentenzi citati mill-appellanti ma ghandhom ebda relevanza ghall-kaz odjern ghaliex dawk kienu cirkostanzi fejn l-appellant kien naqas milli jindika l-fatti fil-qosor fir-rikors tal-appell skond l-artikolu 419 (1)(a) tal-Kap 9 fejn qabel dawk l-emendi kien jimporta n-nullita' tal-istess appell. Il-kwistjoni odjern

tirrigwarda ben altru minn hekk ghaliex l-appellanta talbet ir-riforma ta' sentenza li ghaddiet in gudikat u ssottolineat d-data tas-sentenza tad-19 ta' Marzu 2016 u ziedet tippreciza illi kienet qed titlob riforma fil-piena ta' prigunerija ghal-perjodu ta' sentejn sospizi ghall-erba' snin. Jinghad minghajr tlaqliq illi t-talba f'dan ir-rikors hija wahda zbaljata u qed issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal- 11 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saviour Dalli 99/2014 GMG fejn kien ritenut is-segwenti:

*Illi l-appellant qieghed jinterponi appell sia mis-sentenza tal-25 t'April 2013 kif ukoll mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu rrendiet effettiv it-terminu ta' prigunerija ta' sentejn wara rikors tal-parti leza sussegwenti nuqqas ta' ottemperament tal-appellant li jhallas fi zmien sitt xhur;*

*Il-Qorti, izda, qeghda minnufih tichad l-ewwel talba tal-appellant, igifieri dik li permezz taghha talab it-tahsir u revoka tad-decizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi fil-25 t'April 2013. Dan ghaliex dik is-sentenza setghet tkun appellata sa zmien tmient ijiem utili* [illum tnax-il jum] *mid-data taghha igifieri sat-8 ta' Mejju 2013 meta r-rikors odjern kien intavolat fit-12 ta' Marzu 2014. L-appellant donnu qieghed jistrieh fuq interpretazzjoni hazin tal-artikolu 28I tal-Kapitolu 9 izda dak l-artikolu jipprovdi illi f'kaz ta' ordni <u>dwar</u> l-artikolu 28H(5) , dik l-ordni ghandha titqies bhala sentenza u hija soggetta ghall-appell. Dan ma jfissirx illi sentenza li terroga piena ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A oltre ordni ta' hlas fi zmien mhux aktar minn sitt xhur fit-termini tal-artikolu 28H tista' tkun appellata sa zmien anke wara li tinghata xi ordni bis-sahha, u cioe' <u>dwar</u> l-artikolu 28H. Dik l-ordni li tinghata wara s-sentenza minhabba nuqqas ta' adempjenza hija imbaghad soggetta ghall-appell . Fil-kaz odjern, l-appellant ma interpona ebda appell dwar is-sentenza tal-25 ta' April 2013. Huwa naqas milli jhallas is-somma ordnata mill-Qorti fi*

*zmien sitt xhur f'dik is-sentenza ai termini tal-artikolu 28H u l-Qorti ordnat li t-terminu ta' sentejn prigunerija sospiz għall-erba snin jidħol fis-seħħ b'mod immedjat. L-appellant issa jista' jappella biss mill-ordni li rrendiet effettiv it-terminu ta' prigunerija u mhux l-ewwel sentenza għaliex dik għaddiet in ġudikat;*

*Illi għalhekk il-Qorti issa ser titratta t-tieni talba tar-rikorrent appellant, iġifieri ir-revoka u tħassir tal-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' Marzu 2014 iġifieri dik li permezz tagħha rrendiet effettiv it-terminu ta' priġunerija ta' sentejn wara li naqas milli jħallas lill-HSBC Bank plc is-somma ta' €9,000 fi zmien sitt xhur mill-25 t'April 2013;*

5. In tema ukoll issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Mifsud 124/2018 tad-29.11.2018 rigward eċċezzjoni ta' nullita' għaliex l-appellant kellu jitlob it-tħassir u mhux ir-riforma tas-sentenza u kien ritenut is-segwenti:

*"Kwistjoni konsimili kienet fil-passat riċenti, tqanqal diskussjoni approfondita anke għaliex kienet waħda li ġġib magħha l-piena ta' nullita kif qed jitlob l-appellat. Madanakollu, l-artikolu 520 (1) (c) tal-Kodiċi Kriminali illum jilqa' għal-dan billi jagħmel applikabbli s-subartikoli (4), (5) u (6) tal-artikolu 143 tal-Kaptiolu 12 tal-ligijiet ta' Malta. Is-subartikolu (4) jipprovdi hekk:*

> ***(4) Fil-każijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba għal-tħassir għandha titqies li tinkludi talba għal annullamnet u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba għal annullament għandha titqies li tinkludi talba għal tħassir u tibdil tas-sentenza.***

*Bħal ma ġia senjalat f'sentenzi oħra dan l-artikolu ma jgħidx li talba għal tibdil ġġib magħha l-invers ta' talba għal tħassir, iżda dan mhux il-punt in diskussjoni. Dak li hu relevanti u li l-kwistjoni sollevata mill-appellat llum hija risolta billi ma*

*tistghax aktar tintqanqal. L-artikolu 22 tal-Att I tal-2018 beda fis sehh appena promulgata l-ligi, igifieri fil-15 ta' Jannar 2018 bl-appell introdott fiil-21 ta' Marzu 2018. Anke li ma kienx hemm il-principju ta' jus superveniens japplika ghal-kwistjonijiet konsimili u ghalhekk l-eccezzjoni tal-appellat qed tkun respinta";*

6. Huwa ghalhekk bil-wisq evidenti illi llum il-gurnata zball bhal dak appena ravvizat muhiex aktar fatali bis-sahha tal-artikolu 143 tal-Kapitolu 12 rez aplikabbli bl-emendi fl-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali. Issa, l-kwistjoni odjerna tmur 'l hinn minn zball bejn talba ghal-tahsir, riforma jew annullament tas-sentenza. Dak li din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru hu jekk izzommx mat-talba kif postulata fir-rikors tal-appell jew tara x'riedet verament tghid l-appellanta fit-talba taghha, haga din li dejjem kienet rigettata mill-Qrati taghna f'dan l-istadju ghajr ghal xi ftit istanzi kif ser jinghad u ghaliex hekk ghandu jkun ghaliex il-Qorti m'ghandiex tkun hi li taghmel ezercizzji tali biex tara x'ried jitlob l-appellant meta dan seta qalu fi kliem car u semplici. L-appellanta issa qed titlob biex issir il-korrezzjoni opportuna fir-rikors tal-appell;

7. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-artikolu 143 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta. Dan jiddisponi hekk:

> **143 (1). Ir-rikors ghat-thassir tas-sentenza ghandu jkun fih riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qeghda tigi appellata flimkien ma' ragunijiet dettaljati li ghalihom ikun qieghed isir l-appell u fih ghandu jintalab li dik it-talba tigi milqugha jew michuda;**
>
> **(2) Ir-rikors ghat-tibdil tas-sentenza ghandu jkun fih riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qeghda tigi appellata u ghandu jfisser, wiehed wiehed ghalih, il-kapi tas-sentenza li jsir ilment minnhom flimkien ma' ragunijiet dettaljati ghaliex ikun qieghed isir l-appell u, fl-gheluq tieghu, ghandu jinghad, specifikatament, it-tibdil tas-sentenza li jintalab dwar kull kap;**

**(3) Ir-rikors ghat-thassir, annullament jew tibdil ta' digriet ghandu jkun fih riferenza ghall-kontenut tad-digriet li jkun qed jigi appellat flimkien ma' ragunijiet dettaljati ghal dak it-thassir, annullament jew tibdil;**
**(4) Fil-kazijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba ghal thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba ghal annullament ghandha titqies li tinkludi talba ghal thassir u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet;**
**(5) In-nuqqas ta' tharis ta' dak li hu mehtieg skond is-subartikolu(1), (2) u (3) ma jaghmilx null ir-rikors; izda, f'kull kaz bhal dan, il-qorti tordna b'digriet lill-appellant biex jipprezenta, fi zmien jumejn, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet mehtiega mil-ligi u li ma jkunux ingiebu regolarment fir-rikors.**

8. Huwa evidenti illi l-portata tas-subartikolu (5) tal-artikolu 143 Kap 12 appena riprodott hija wiesgha hafna. Minn ezami tar-rikors promutur jirrizulta illi l-appellanta qed tillanja mhux s-sentenza fejn inghatat piena ta' prigunerija sospiza izda id-digriet tal-24 ta' Novembru, 2016 (li ex artikolu 28I jitqies bhala sentenza). L-argumenti kollha hemm mressqa huma dwar kif l-ewwel Qorti ma kellhiex tirrendi effettiva s-sentenza sospiza ghaliex kienet gia hallset ammont sostanzjali tad-debitu u bi ftehim bejn il-partijiet, il-hlas kellu jkun fuq medda ta' sena. Tant hu hekk illi l-appellanta tintroduci l-aggravji taghha hekk: "*Illi l-esponenti qieghda tinterponi dan l-umli appell mill-piena tas-sentenza datata 19 ta' Marzu tas-sena 2016* ***kif ukoll mill-apprezzament tal-provi illi sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti waqt is-smiegh tar-rikors illi intavola l-kwerelant Darren Camilleri****".* (enfazi u sottolinear tal-Qorti);

9. Kawza ta' dan in-nuqqas, l-appellanta tista' tinsab f'posizzjoni li l-appell taghha ma jinstemax u ma tinghatax l-possibilita' ta' revoka, varjazzjoni jew konferma tad-digriet li minghaliha huwa kawtelat b'dan l-appell. Dan kollu huwa reminixxenti ta' cirkostanzi konsimili fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Galea tas-17

ta' Settembru 2012 bl-Avukat Generali jeccepixxi n-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba ingarbuljar u kontradizzjonijiet fit-talbiet. Din il-Qorti rragunat bil-mod segwenti fi zmien ferm qabel l-emendi bl-Att I tal-2018 fejn ma kienx ghadu japplika l-artikolu 143 Kap 12:

> "*Ma hemmx dubju illi r-rikors messu kien redatt ahjar u hemm element konfuzjonali fil-hsieb tat-talba tieghu u din il-Qorti kellha toqghod tfittex fil-korp tar-rikors biex tara ezattament x'ried jghid l-appellant u ghalxiex kien qed jirreferi meta talab l-annullament u r-riforma tas-Sentenza. Ghalhekk skont il-principju fuq annuncjat din il-Qorti ghandha tiddisponi minn dan l-appell billi tiddikjarah null. Pero', l-Qorti ghandha ripensament fuq din il-gurisprudenza u filwaqt illi tiddikjara illi bhala principju l-hsieb imfisser b'din is-Sentenza huwa validu, dan m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghall-appellant illi aktar u aktar f'kaz ta' habs illi jkun priv minn smieh ta' appell u re-kunsiderazzjoni dwar il-mertu, dejjem skont il-gurisprudenza kostanti f'dan ir-rigward tal-kaz tieghu. F'dan il-kaz, l-appellant qieghed jiffaccja prigunerija ta' disa' (9) xhur, oltre multa sostanzjali ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) u minkejja d-diffikulta' li qed tiffaccja din il-Qorti biex tifhem sew ezattament x'talab ma jkunx gust illi dan l-appell jigi dikjarat null u kull tama li jista' jkollu ghar-revizzjoni tas-Sentenza tisfuma fix-xejn u jkollu jinfacca l-konsegwenzi serji imposti fuqu fuq l-ewwel Sentenza minghajr il-possibilita tad-doppju ezami. Il-Qorti jidhrilha illi dan id-dritt huwa mportanti wisq ghall-appellant biex jigi mitluf sempliciment minhabba "poor drafting" tar-rikors tal-appell. Veru li l-ligi qieghda hemm biex tigi osservata imma lanqas ghandha tintuza sabiex jigi kkalpestat dritt fundamentali ta' l-appellant: id-dritt illi jkollu revizjoni tad-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti. Ghalhekk f'dan il-kaz, minkejja l-istat*

*konfuzjonali tat-talba tar-rikors ta' l-appell, il-Qorti sejra tikkonsidra illi t-talba ta' l-annullament u thassir tas-Sentenza u r-riforma ta' l-istess Sentenza jkunu sub-ordinati ghal xulxin biex b'hekk tissana r-rikors u tkun tista' tisimghu fuq il-mertu. Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell* [recte: eccezzjoni] *tal-Avukat Generali u tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smieh tal-mertu."*

10. Tajjeb ukoll li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Julian Calleja App Krim (Ghawdex) 259/12 G tal-5.10.12 (SC) deciza mis-Sinjurija Tieghu Prim'Imhallef Silvio Camilleri li fiha cahad eccezzjoni ta' nullita' ghaliex ir-rikors tal-appell ma kienx jinkorpora l-fatti fil-qosor. Nuqqas meqjus bhala fatali qabel l-Att I tal-2018. F'din is-sentenza tal-2012, l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi minkejja li l-artikolu 419 (1)(a) jitlob fuq piena ta' nullita li r-rikors tal-appell ikun jinkludi il-fatti fil-qosor, dan mhux mehtieg meta l-appell ikun dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti;

11. Illi huwa evidenti illi l-Qrati taghna ilhom li hadu direzzjoni favur nuqqas ta' formalizmu zejjed fil-proceduri quddiemhom llum konfermat b'emendi bhal dawk fl-Att I tal-2018 fost ohrajn. Issa, il-kwistjoni odjerna mhix prettament kwistjoni ta' nuqqas ta' formalita' essenzjali izda hija wahda dwar jekk l-appellanta ghandiex tkun awtorizzata tikkoregi t-talba taghha jew le biex tirrifletti dak li fil-fatt appellat dwaru. Kif gia senjalat *supra*, il-korp tal-appell huwa fil-maggior parti tieghu dwar id-digriet tal-ewwel Qorti li rrendiet effettiva s-sentenza ta' prigunerija sospiza. La darba l-aggravji u l-argumenti tal-appellanta kienu fuq din il-materja jista' jitqies illi fit-talba hemm *lapsus* billi thalliet barra dik il-parti li titlob revizzjoni ukoll ta' dak id-digriet. Ma huwiex il-kaz fejn korrezzjoni tat-talba ser tammonta ghall-appell gdid jew li tibdel is-sustanza tal-appell. Ghalhekk ma hemmx ostakolu

ghal din il-Qorti li tqis illi t-talba tal-appellanta kellha tinkludi riforma tad-digriet tal-24 ta' Novembru 2016;

12. Issa, teknikament jonqos illi din il-Qorti ai termini tal-artikolu 143(5) tal-Kap 12, tordna lill-appellanta formalment tipprezenta nota bil-partikolaritajiet mehtiega mil-ligi u nieqsa fir-rikors promutur. Dan izda huwa superat bin-nota tal-istess appellanta tal-21 ta' Jannar, 2019 u procediment f'din id-direzzjoni jissarraf biss f'aktar telf ta' hin;

13. Sorvolat dan l-incident, din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fil-mertu li allura huwa dwar riforma tas-sentenza tad-19 ta' Marzu 2016 kif ukoll tad-digriet tal-24 ta' Novembru, 2016. In vista ta' dak kunsidrat *supra*, is-sentenza tad-19 ta' Marzu, 2016 hija *res judicata* ghalhekk l-appell qed ikun michud kwantu dan jitlob riforma ta' dik is-sentenza;

14. Kwantu t-talba ghar-riforma tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Novembru, 2016 li biha rrendiet effettiva s-sentenza ta' sentejn prigunerija specifikatament sabiex tkun imposta piena aktar ekwa u gusta, din il-Qorti ezaminat l-atti processwali li taw lok ghal dan id-digriet u minkejja l-lanjanzi sollevati fir-rikors tal-appell ma hemm xejn censurabbli bil-mod kif imxiet l-ewwel Qorti li wara kollox meta semghet bl-inadempjenza tal-appellanta fl-ordni taghha ghar-ristituzzjoni tal-ammont frodat, kellha idejha marbutin ghaliex l-artikolu 28H(6) tal-Kap 9 jaghmilha tassattiva fuqha li tordna fis-sehh is-sentenza sospiza;

15. L-istess subartikolu, izda, jaghti fakolta' lill-Qorti li taghti zmien perentorju ta' mhux aktar minn xahar, sabiex il-hati jikkonforma ruhu. Issa jekk il-Qorti kellhiex tirrikorri ghal din il-koncessjoni jew le mhux ser ikun diskuss hawnhekk ghx dik kienet fid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti skond dak li

semghet hi. Dak li din il-Qorti ser tikkonsidra, izda, huwa l-fatt illi fil-mori tad-differiment mill-ahhar udjenza l-appellanta ottemperat ruhha mal-ordni tal-Qorti anke jekk tardivament u l-kwerelant iddikjara li hu risarcit u ma ghadx ghandu interess f'dawn il-proceduri (ara nota tal-kwerelant). Fil-fehma tal-Qorti dan jissana s-sitwazzjoni odjerna;

16. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi:

(1) Tilqa' l-eccezzjoni tal-Avukat Generali u tiddikjara l-appell null stante li prezentat wara z-zmien koncess mill-ligi u dan limitatament fejn l-appell jirrigwarda talba ghar-riforma tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Krimimali tad-19 ta' Marzu, 2016 fl-ismijiet Il-:Pulizija vs Maria Grima;

(2) tilqa' t-talba ghar-riforma tas-sentenza (digriet) tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Krimimali tal-24 ta' Novembru, 2016 fl-ismijiet Il-:Pulizija vs Maria Grima per Magistrat Dr. Doreen Clarke u dan billi thassarha f'dik il-parti li fiha qieghdet fis-sehh is-sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin bis-sentenza tad-19 ta' Marzu, 2016 u minflok qed tikkoncedi lill-hatja terminu perentorju ta' xahar mil-lum sabiex tikkonforma ruhha mal-ordni tal-Qorti tal-Magistrati kif postulata fis-sentenza tad-19 ta' Marzu 2018 fit-termini tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali.